Lill-Kummissarju tal-Pulizija
Ghassa tal-Pulizija
Il-Belt

Illum 22 ta' April 2020

Sur Kummissarju,

Re Kwerela ta' Darryl Grima u Mark Sultana f'isimhom propju u ghan-nom ta' Birdlife Malta (VO1152)

Kontra l-Kwerelat: kill min f'ismu inharget il-licenzja specjali ghall-Kacca tas-Summien fir-Rebbiegha 2020 u li hareg ghal kacca f'dawn il-jiem.

Bil-prezenti l-kwerelanti hawn fuq msemmija jinterpellawk bir-rispett sabiex minnufih tiehu passi kontra l-kwerelati fuq imsemmi talli:

Talli fl-10 ta' April 2020 u l-granet ta' wara il-persuni kollha li f'isimhom inharget il-licenzja specjali tal-kacca tas-summien ghar-rebbiegh 2020 hargu ghal kacca illegalment u dan peress illi l-imsemmija licenzja hija wahda invalida meta inharget mill-Ministru ghall-Ghawdex b'mod ultra vires il-poteri moghtija lilu skond il-ligi.

Dan meta skond il-ligi l-persuna risponsabbli ghal regulamenti dwar l-hrug ta' licenzja specjali tal-Kacca tas-summien huwa l-Ministru ghal Ambjent. Illi Kap 549 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent) espressament jistipola, fl-istess att, li meta issir riferenza ghal Ministru dan huwa riferenza ghal Ministru risponsabbli ghal Ambjent (Artikolu 2 ta' l-istess att).

Ghalhekk billi l-ordni ghal ftuh tal-istagun hareg b'mod manifestament illegali, kull persuna li hareg ghal kacca f'dan iz-zmien ikun qed jikser il-ligi.

Illi ghalhekk, il-Pulizija huma mitluba li jiehdu l-passi kollha hekk kif trid il-ligi kif ukoll kull azzjoni ohra ghal kwalsiasi u kull reat iehor li jista' jirrizulta fl-istess rapport li l-kwerelanti ghamlu u l-investigazzjoni susegwenti.
F'kaz illi l-Kummissarju jkollu bzonn aktar informazzjoni l-kwerelanti jibqghu dejjem ghad-disposizzjoni taghkom.

Av. Philip Manduca
Level 1, Britannia House, 9 Old Bakery Street, Valletta